

**MT**

**MT**

**MT**



IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 16.12.2010  
KUMM(2010) 752 finali

**RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-  
KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-  
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**L-ewwel evalwazzjoni *interim* tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti ARTEMIS u ENIAC**

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## L-ewwel evalwazzjoni *interim* tal-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti ARTEMIS u ENIAC

### 1. INTRODUZZJONI

Dan ir-rapport jenfasizza s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tal-ewwel evalwazzjoni *interim* ta' ARTEMIS u ta' ENIAC. Dawn huma ż-żewġ Impriżi Komuni li jimplementaw l-Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (ITK) fl-oqsma tas-sistemi inkorporati u tar-riċerka fin-nanoelettronika. Ir-rapport jifformula r-reazzjoni inizjali tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni u jstabbilixxi l-miżuri ta' segwitu. B'hekk, il-Kummissjoni qiegħda tkun konformi mar-rekwiżit li tirrapporta dwar l-ewwel evalwazzjoni *interim* ta' ARTEMIS u ENIAC kif inhu stabbilit fl-atti li jstabbilixxuhom<sup>1</sup>. Barra minn hekk, il-Kummissjoni biħsiebha tipprepara Komunikazzjoni, skedata għall-ewwel nofs tal-2011, sabiex tistabbilixxi l-konklużjonijiet ġenerali tagħha dwar l-evalwazzjonijiet *interim* tal-ITK kollha u l-valutazzjonijiet *interim* tas-Sħubiji bejn il-Pubbliku u l-Privat (PPP) tal-Pjan ta' Rkupru.

### 2. L-ISFOND

Fis-Seba' Programm Kwadru għall-Attivitajiet ta' Riċerka, ta' Żvilupp Teknoloġiku u ta' Dimostrazzjoni attwali tagħha, l-Unjoni Ewropea tappoġġja numru ta' Inizjattivi Teknoloġiċi Konġunti (ITK). Fil-qasam tat-Teknoloġiji tal-Infurmazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT), l-ITK ARTEMIS u ENIAC kienu stabbiliti fl-2007 bħala Impriżi Komuni (IK), fuq il-bażi tal-Artikolu 187 TFUE (dak li kien l-Artikolu 171 KE). Dawn iż-żewġ korpi jikkostitwixxu sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat bejn l-industrija, għadd ta' Stati Membri tal-UE u ta' pajjiżi assoċjati, u l-Unjoni Ewropea. L-għan tagħhom huwa li jimplementaw, permezz ta' baġit kemm mill-UE kif ukoll mill-Istati Membri parteċipanti<sup>2</sup>, aġenda ta' riċerka ddefinita mill-komunitajiet Ewropej tar-riċerka (l-industrija u l-organizzazzjonijiet akkademiċi/tar-riċerka) fl-oqsma rispettivi tagħhom. L-ITK b'hekk jippruvaw isaħħu t-tkabbir, il-kompetittività u l-iżvilupp sostenibbli futuri tal-Ewropa. L-ambizzjoni u l-ambitu tagħhom, l-iskala tar-riżorsi finanzjarji u tekniċi li jeħtieġ li jiġu mmobilizzati, u l-ħtieġa li jinkisbu koordinazzjoni u sinerġija effettivi tar-riżorsi u tal-finanzjament kienu jeħtieġu azzjoni fuq il-livell Ewropew.

Wara l-ewwel żewġ sejħiet għal proposti tagħhom, ARTEMIS u ENIAC varaw 25 u 18-il proġett rispettivament, b'kull wieħed idum medja ta' tliet snin. L-UE u l-Istati Membri tal-

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 74/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 dwar it-twaqqif tal-Impriża Konġunta [Komuni] ARTEMIS għall-implimentazzjoni ta' Inizjattiva Teknoloġika Konġunta f'Sistemi Inkorporati tal-Kompjuter; l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2008 tal-20 ta' Diċembru 2007 li jstabbilixxi l-Impriża Konġunta [Komuni] ENIAC, Artikolu 11.

<sup>2</sup> L-Istati Membri ta' ARTEMIS: L-Awstrija, il-Belġju, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, id-Danimarka, l-Estonja, Spanja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Pajjiżi l-Baxxi, in-Norveġja, il-Portugall, ir-Rumanija, l-Isvezja, is-Slovenja, ir-Renju Unit  
L-Istati Membri ta' ENIAC: L-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Estonja, Spanja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Pajjiżi l-Baxxi, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Repubblika Slovakkja, l-Isvezja, ir-Renju Unit.

ITK flimkien sa issa impenjaw EUR 576 miljun liż-żewġ ITK flimkien (2008-2010), minbarra sforzi ta' riċerka u żvilupp (R&D) privati li jiswew madwar id-doppju ta' dak l-ammont. Filwaqt li dan jirrappreżenta investment pubbliku konsiderevoli f'żewġ oqsma kruċjali tat-teknoloġija, l-appoġġ pubbliku preżenti huwa ferm inqas mill-għanijiet oriġinali ffissati fil-proposti tal-Kummissjoni sabiex ikunu stabbiliti l-Impriżi Komuni (total ta' EUR 900 miljun ikkombinati għall-istess perjodu). L-investimenti attwali fiż-żewġ ITK lanqas ma jilhqg l-aspettattivi tal-partijiet interessati fir-riċerka, li kellhom ambizzjonijiet għal programmi li jammontaw bejn EUR 2.5 u EUR 3 biljuni kull wieħed (li jikkorrispondu għall-proposta globali tal-Kummissjoni).

### 3. IT-TWETTIQ TAL-EVALWAZZJONI

L-għan ta' din l-evalwazzjoni kien li jiġu vvalutati l-kwalità u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-ITK, kif ukoll il-probabbiltà li ARTEMIS u ENIAC, fl-istruttura attwali tagħhom, jilhqg l-għanijiet tagħhom. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni stiednet lil bord ta' esperti indipendenti<sup>3</sup>, ippresjedut minn Dr Wulf Bernotat, sabiex jirrivedi l-evidenza u jintervista lill-partijiet interessati<sup>4</sup>.

Il-bord ta' evalwazzjoni ħareġ ir-rapport tiegħu f'Lulju 2010. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli minn fuq il-websajt EUROPA<sup>5</sup>.

### 4. IR-RIŻULTATI U R-RAKKOMANDAZZJONIJIET TAL-EVALWAZZJONI

B'mod sinifikanti, il-bord ta' evalwazzjoni jirrikonoxxi l-valur ta' struttura fi tliet partijiet għall-ITK f'dawn l-oqsma, fejn jiġu jiġu miġbura r-riżorsi mill-industrija, mill-UE u mill-Istati Membri:

“Li jkun hemm strateġija konġunta b'implimentazzjoni kondiwiża huwa tajjeb għall-industrija, tajjeb għall-Istati Membri u tajjeb għall-Ewropa. [...] Il-Bord ta' Evalwazzjoni jifraħ lil dawk kollha involuti għall-kisbiet konsiderevoli tagħhom fid-disinn u fl-implimentazzjoni ta' dawn l-istrumenti l-ġodda.”  
[traduzzjoni mhux uffiċjali]

Madankollu, l-esperti juru t-tħassib tagħhom li ARTEMIS u ENIAC mhumiex qed jagħtu biżżejjed attenzjoni lill-miri strateġiċi Ewropej tagħhom. Il-bord jitlob biex ikun hemm iffukkar strateġiku mill-ġdid taż-żewġ ITK, li jinvolvi lill-partijiet interessati kollha u li jimxi iktar lejn sforz tassew konġunt. F'dan il-kuntest, l-esperti jitolbu wkoll li l-industrija terġa'

---

<sup>3</sup> Il-bord ta' esperti kien jikkonsisti f'dawn il-membri li ġejjin: Dr Wulf H. Bernotat (president) — qabel kien ma' E.ON AG; Elke Eckstein — OSRAM Opto Semiconductors; Luke Georghiou — l-Università ta' Manchester, l-Istitut għar-Riċerka Innovattiva ta' Manchester (*Manchester Institute for Innovation Research*); Terttu Luukkonen — l-Istitut ta' Riċerka tal-Ekonomija Finlandiża; Bob Malcolm (relatur) — Ideo Ltd; Dominique Potier, Pôle Systématique u preċedentement ma' Thales; Christian de Prost, ATMEL; Alberto Sangiovanni-Vincentelli, l-Università ta' California/Berkeley.

<sup>4</sup> Il-bażi ta' evidenza għal din l-evalwazzjoni kienet tinkludi d-dokumenti legali u ta' xorta oħra li stabbilew lil ARTEMIS u lil ENIAC, informazzjoni finanzjarja, statistika dwar il-parteċipazzjoni u informazzjoni dwar il-proġetti. Il-persuni intervistati kienu jinkludu rappreżentanti mill-IK, mill-Kummissjoni, mill-awtoritajiet tal-Istati Membri u mill-komunitajiet tan-negożju u tar-riċerka, inklużi l-SMEs.

<sup>5</sup> [http://ec.europa.eu/dgs/information\\_society/evaluation/rtd/jti/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/dgs/information_society/evaluation/rtd/jti/index_en.htm).

tinvolvi lill-“aqwa ħassieba” fl-ogħla livelli tal-industrija, tal-gvernijiet u tal-komunità xjentifika:

“L-industrija, li talbet għal u ngħatat it-tmexxija ta’ dawn l-ITK, ma żammitx l-impenn inizjali tagħha fid-direzzjoni u fil-ġestjoni strateġiċi tal-ITK sabiex dawn jilhqqu l-għanijiet kollha tagħhom u, b’mod speċifiku, ma involvietx ruħha, b’mod effikaċi, mal-Istati Membri sabiex tindirizza l-problemi.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-bord ta’ evalwazzjoni jikkunsidra li n-nuqqas ta’ finanzjament hija kwistjoni kritika:

“L-impenn fil-finanzjament tal-Istati Membri huwa ferm taħt dak li kien mistenni, fejn jipperikola l-ħila li tkun stabbilita massa kritika ta’ attivit u jillimita ferm il-bini ta’ portafolji ta’ proġetti xierqa.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

In-nuqqas jidher li huwa parzjalment relatat mal-iskemi intergovernattivi ta’ Eureka ITEA2 u CATRENE, li jaħdmu parallelament ma’ ARTEMIS u ENIAC u li suppost għandhom jintegraw progressivament mal-ITK fejn jista’ jinħoloq valur miżjud<sup>6</sup>. Il-pożizzjoni tal-Kummissjoni dwar din il-problema hija deskritta fil-qosor fit-Taqsima 6 ta’ dan ir-rapport.

Meta jindirizza lill-Kummissjoni Ewropea, il-bord ta’ evalwazzjoni jenfasizza numru ta’ lezzjonijiet, bħall-ħtieġa għal iktar flessibbilt organizzattiva u finanzjarja, li ġew mitgħallma bl-ewwel ġenerazzjoni ta’ ITK u li għandhom jitqiesu meta jiġu stabbiliti PPP potenzjali futuri:

“Ir-regolamenti finanzjarji attwali u rekwiżiti amministrattivi oħrajn (bħar-regolamenti tal-persunal) huma wisq limitattivi u jinibixxu iktar milli jagħtu l-possibbilt li jitwettqu l-miri strateġiċi għall-ITK.” [traduzzjoni mhux uffiċjali]

Il-lista tar-rakkomandazzjonijiet tal-bord hija riprodotta fl-anness.

Il-perjodu ta’ żmien għal kull rakkomandazzjoni jindika jekk huwiex possibbli li tittieħed azzjoni taħt il-qafas legali attwali jew jekk jeħtieġx li r-Regolamenti eżistenti dwar l-IK jew ir-Regolament Finanzjarju eżistenti jiġu emendati. Peress li l-emenda fil-qafas legali hija proċedura li teħtieġ bosta riżorsi, dan il-grupp ta’ rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu ttrattati bħala parti mid-diskussjoni dwar il-ġenerazzjoni li jmiss ta’ PPP.

## 5. L-AZZJONIJIET TA’ SEGWITU PPLANATI

Il-Kummissjoni tilqa’ b’sodisfazzjon ir-rapport tal-evalwazzjoni *interim* u tieħu nota tar-rakkomandazzjonijiet tal-bord ta’ evalwazzjoni. Il-Kummissjoni hija impenjata li tindirizza l-parti tagħha tar-rakkomandazzjonijiet u li taħdem mal-industrija, mal-Istati Membri u mal-Impriżi Komuni sabiex tgħinhom jindirizzaw il-partijiet tagħhom. Skont il-perjodu ta’ żmien issuġġerit mir-rapport, u meta tiġi kkunsidrata n-natura speċifika ta’ ARTEMIS u ta’ ENIAC li jinvolvu direttament lill-Istati Membri, il-Kummissjoni għandha twettaq:

---

<sup>6</sup> Artikolu 2(d) tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 72/2008 u Nru 74/2008.

1) azzjonijiet immedjati għall-Impriżi Komuni eżistenti (jiġifieri, l-attivitajiet tal-ITK fil-perjodu 2011-2013) li għandhom jiġu segwiti permezz tal-istrutturi ta' governanza tagħhom; u

2) azzjonijiet għal medda itwal ta' żmien għall-ġenerazzjoni li jmiss potenzjali ta' PPP f'dawn l-oqsma taħt l-inizjattivi prinċipali Unjoni tal-Innovazzjoni<sup>7</sup> u Aġenda Diġitali għall-Ewropa<sup>8</sup> varati sabiex tkun indirizzata l-Istrateġija Ewropa 2020<sup>9</sup>.

Ir-reazzjoni tal-Kummissjoni għar-rakkomandazzjonijiet tal-bord hija miġbura fil-qosor hawn taħt.

### **(i) Rakkomandazzjoni ġenerali**

Minkejja l-impenn finanzjarju kollettiv modest attwali tal-Istati Membri għall-IK eżistenti, li jaffetwa direttament il-finanzjament Ewropew<sup>10</sup>, u l-kumplessità apparenti, il-Kummissjoni taqbel li l-mudell fi tliet partijiet jista' jgħib benefiċċji sinifikanti jekk il-partijiet kollha jkunu qed jaħdmu lejn sett komuni u robust ta' għanijiet strateġiċi. Minbarra t-tmexxija industrijali fl-iżvilupp tal-istrateġija, dan il-mudell joffri opportunità unika sabiex ikunu kkoordinati l-politiki nazzjonali lejn sfidi Ewropej komuni. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni taqbel li l-ITK għandhom jibbenefikaw minn impenn mill-ġdid min-naħa tas-sħab għall-mudell fi tliet partijiet u għal aġenda strateġika Ewropea mill-iktar fis possibbli. Il-Kummissjoni se tinvolvi ruħha flimkien mal-industrija u mal-Istati Membri sabiex jiġi esplorat l-aħjar mod kif jinkiseb dan. Dan huwa partikolarment importanti għaliex l-ITK huma attivi f'oqsma identifikati bħala Teknoloġiji Abilitanti Essenzjali għall-Ewropa<sup>11</sup>.

Mingħajr preġudizzju għal deċiżjonijiet futuri dwar l-arkitettura tal-Programm Kwadru 8, il-Kummissjoni ma teskludix li fil-ġejjieni l-attivitajiet fl-oqsma inidirizzati minn ARTEMIS u minn ENIAC jistgħu jiġu ttrattati minn ITK waħda. Dan jista' anki jkopri parti ikbar mill-katina tal-valur, fejn tiġi indirizzata l-kwistjoni taħraq tal-kompromess bejn il-hardwer u s-softwer u l-ibbilanċjar tal-prijoritajiet tal-ixprun tat-teknoloġija (*technology-push*) u l-ġibda li ġejja mid-domanda għall-applikazzjonijiet (*application-pull*). Barra minn hekk, dan għandu jgħin biex tiżdied l-effiċjenza tal-istruttura operattiva.

### **(ii) Rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri**

Meta tiġi kkunsidrata l-konnessjoni stretta li torbot lill-kontribut Ewropew mal-kontributi nazzjonali (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 10), il-Kummissjoni tirrikonoxxi li jeħtieġ li jiżdedu l-kontributi finanzjarji mingħand l-Istati Membri sabiex jintlaħqu l-għanijiet finanzjarji globali stabbiliti fir-Regolamenti<sup>12</sup>. Barra minn hekk, il-baġits nazzjonali jistgħu jkopru perjodu multiannwali sabiex tkun iffissata perspettiva għal medda itwal ta' żmien fejn jiġi segwit il-pjan strateġiku multiannwali tal-industrija. Il-Kummissjoni għandha tippromponi li l-

<sup>7</sup> COM(2010) 546, <http://ec.europa.eu/research/innovation-union>

<sup>8</sup> COM(2010) 245, [http://ec.europa.eu/information\\_society/digital-agenda](http://ec.europa.eu/information_society/digital-agenda)

<sup>9</sup> COM(2010) 2020, <http://ec.europa.eu/europe2020>

<sup>10</sup> Artikolu 13(4) tal-istatuti tal-Impriżi Komuni (annessi mar-Regolamenti tal-Kunsill 72/2008 u 74/2008) jipprovdi li l-kontribut finanzjarju ta' IK (fejn jintuża l-kontribut tal-UE) lill-baġit ta' kull sejħa għal proposti għandu jkun ekwivalenti għal 55% tal-ammont totali impenjat mill-Istati Membri.

<sup>11</sup> "Tħejjija għall-ġejjieni tagħna: Żvilupp ta' strateġija komuni għal teknoloġiji abilitanti essenzjali fl-UE", COM(2009) 512.

<sup>12</sup> Artikolu 11(6) tal-istatuti tal-Impriżi Komuni (annessi mar-Regolamenti tal-Kunsill 72/2008 u 74/2008), li jammontaw għal EUR 440 miljun + EUR 792 miljun ta' finanzjament pubbliku għal ENIAC u għal EUR 410 miljun + EUR 738 miljun għal ARTEMIS.

Istati Membri jaqblu fuq kontribut baġitarju multiannwali għall-bqija ta' haġġet l-**IK** sabiex jintlaħqu l-miri oriġinali tal-**ITK**. Dan huwa element wieħed mill-impenn mill-ġdid strateġiku li l-Kummissjoni tistenna mingħand is-sħab tagħha.

Sa issa l-Istati Membri ma tantx taw wisq attenzjoni lis-sinkronizzazzjoni mitluba mill-operazzjonijiet tagħhom<sup>13</sup>. Il-Kummissjoni għandha tinsisti li l-prattiki nazzjonali jiġu adottati skont it-termini tar-Regolamenti u tal-Arranġamenti Amministrattivi stabbiliti sabiex tiġi appoġġata l-konverġenza tal-prattiki komuni. Il-Kummissjoni għandha tipproponi wkoll il-ħolqien ta' Grupp ta' Ħidma fi ħdan il-Bordijiet tal-Awtoritajiet Pubbliċi sabiex ikun ittrattat l-iffissar tal-livelli ta' referenza tal-prattiki nazzjonali ħalli tittiejeb l-armonizzazzjoni tal-proċessi amministrattivi u r-rati ta' finanzjament nazzjonali. F'dan il-kuntest, ir-regoli dwar il-finanzjament għall-universitajiet u għall-organizzazzjonijiet akkademiċi/ta' riċerka jixirqilhom attenzjoni speċjali.

Il-Kummissjoni taqbel li huwa siewi li l-appoġġ nazzjonali għal suġġetti speċifiċi fil-Programm ta' Ħidma Annwali jsir iktar viżibbli. Madankollu, in-natura Ewropea tal-**ITK** ma għandhiex tiegħu l-forma ta' ġabra ta' interessi purament nazzjonali. Fil-Bordijiet tal-Awtoritajiet Pubbliċi, il-Kummissjoni għandha tipproponi li jiġi żviluppat mod sempliċi sabiex fil-Programm ta' Ħidma Annwali jkunu inklużi kunsiderazzjonijiet ta' appoġġ nazzjonali fuq livell xieraq ta' dettall.

### **(iii) Rakkomandazzjonijiet għall-assoċjazzjonijiet industrijali**

Il-Kummissjoni taqbel li għandhom ikunu stabbiliti proċessi u għodod adegwati sabiex ikunu mmonitorjati u analizzati l-kisbiet strateġiċi tal-**ITK**. Hija għandha tipproponi indikaturi li jistgħu jitkejlu u għandha titlob lill-assoċjazzjonijiet industrijali sabiex iwettqu b'mod regolari analiżi strateġika tar-riżultati u tal-impatt ta' kull sejħa għal proposti. B'mod iktar ġenerali, il-Kummissjoni għandha tissuġġerixxi lill-industrija li l-aġendi ta' riċerka strateġika jiġu aġġornati u riveduti fi żmien xieraq; barra minn hekk, għandhom jiġu adottati fuq livell għoli fil-kumpaniji involuti, fil-Kummissjoni u fl-Istati Membri.

Il-Kummissjoni tappoġġa l-fehma li l-assoċjazzjonijiet industrijali għandhom rwol prinċipali fl-ixprunar tal-istrateġija tal-**ITK** lejn ekosistemi ta' innovazzjoni. Is-sħab industrijali għandhom jiggwidaw l-iżvilupp ta' pjan konkret b'miri tanġibbli li l-**IK** jkollhom jimplementaw, bħal meta jingħata stimolu lill-parteciċipazzjoni tal-SMEs, jiġu raggruppati l-attivitajiet, u l-azzjonijiet edukattivi u ta' taħriġ.

Barra minn hekk, l-assoċjazzjonijiet industrijali huma inkoraġġiti jipprovdu iktar “valur għall-flus” lill-membri tagħhom, li għandu jirriżulta f'sett rappreżentattiv u iktar wiesa' ta' partijiet interessati u sħubija iktar miftuħa b'attenzjoni partikolarment iffokata fuq l-SMEs. Il-Kummissjoni għandha tanalizza wkoll l-implikazzjonijiet potenzjali u legali ta' involviment amministrattiv iktar sempliċi ta' wħud mill-parteciċipanti fil-proġetti, pereżempju l-kunċett ta' “sieħeb assoċjat” għall-SMEs, sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv u finanzjarju tagħhom.

### **(iv) Rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni Ewropea**

---

<sup>13</sup> Artikolu 13(6)(b) tal-istatuti tal-Impriżi Komuni (annessi mar-Regolamenti tal-Kunsill 72/2008 u 74/2008): “L-Istati membri [...] għandhom jagħmlu l-aħjar sforzi sabiex jissinkronizzaw il-kondizzjonijiet u l-istabbiliment tal-ftehim ta' finanzjament u jħallsu l-kontributi finanzjarji tagħhom fiż-żmien debitu.”

Il-bord ta' evalwazzjoni jitlob lill-Kummissjoni sabiex ma tapplikax ir-Regolament Finanzjarju ta' qafas jew ir-Regolamenti tal-Persunal għal PPP potenzjali futuri. Dan huwa ġeneralment konformi mar-rakkomandazzjonijiet li għamel il-Grupp Sherpa dwar l-ITK<sup>14</sup>. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni pproponiet, fir-reviżjoni triennali tar-Regolament Finanzjarju<sup>15</sup>, żewġ għażliet addizzjonali sabiex ikunu implimentati s-sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat: korp pubbliku u privat imħallat, ibbażat fuq l-Artikolu 185a tar-Regolament Finanzjarju u korp irregolat mid-dritt privat (Artikolu 53(1)(2)(g). Din il-proposta, jekk tiġi adottata mil-leġiżlatur, għandha toħloq il-qafas sabiex tkun segwita din ir-rakkomandazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tesplora r-rilevanza li l-attivitajiet operattivi tal-PPP potenzjali futuri jkunu estiżi sabiex jinkludu miżuri ta' akkumpanjament bħal azzjonijiet ta' koordinazzjoni, ta' appoġġ, infrastrutturali u azzjonijiet ta' dimostrazzjonijiet kbar. Hija għandha tinvestiga wkoll, bl-għajnuna tal-Istati Membri, tal-industrija u ta' kontributori potenzjali oħrajn, modi kif jista' jiġi kkombinat l-finanzjament minn sorsi differenti. B'mod simili, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra kif tipprovdi appoġġ finanzjarju lil attivitajiet li huma kritiċi sabiex jintlaħqu l-għanijiet strateġiċi Ewropej tal-ITK u li ma jistgħux jiġu appoġġati bl-istruttura attwali tal-ITK, bħal proġetti infrastrutturali jew ta' innovazzjoni li mhumiex attivitajiet R&D fis-sens strett tat-terminu.

Il-Kummissjoni tara l-kontribut tal-assoċjazzjonijiet industrijali għall-ispejjeż operattivi tal-IK bħala incientiv importanti għalihom sabiex jiżguraw governanza tajba tal-IK. Hija tieħu wkoll nota tad-diffikultà li jsibu l-assoċjazzjonijiet biex jiġbru miżati adegwati ta' sħubija. Mudell futur fejn kull benefiċjarju għandu jħallas "miżata" lill-IK jeħtieġ li jiġi eżaminat b'attenzjoni kbira.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi wkoll l-importanza li tinġabar dejta sabiex jintwera l-impatt ta' ħidmet l-ITK, li għandha tintuża fl-evalwazzjonijiet futuri. Għal dan il-għan, bl-għajnuna tal-esperti għandha tistabbilixxi sett ta' indikaturi sabiex ikunu vvalutati l-kisbiet tal-ITK skont il-miri inklużi fl-atti li jstabbilixxuhom<sup>16</sup> u l-pjanijiet strateġiċi multiannwali tagħhom. Id-dejta li tirriżulta għandha tiġi analizzata kull sena.

#### **(v) Rakkomandazzjonijiet għall-Impriżi Komuni**

Il-Kummissjoni hija konxja mid-diffikultajiet li jgħaddu minnhom l-assoċjazzjonijiet industrijali sabiex jiġġeneraw biżżejjed dħul mill-miżati tas-sħubija tagħhom jew minn tipi ta' attivitajiet oħrajn mingħajr kontributi mandatorji mingħand il-benefiċjarji kollha tal-proġetti. Min-naħa l-oħra, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-assoċjazzjonijiet industrijali għandhom il-potenzjal sabiex jiġġeneraw iktar dħul permezz ta' offerta ta' servizzi iktar ġenerali lill-membri tagħhom. Id-dħul baxx tal-assoċjazzjonijiet industrijali huwa wkoll ikkawżat minn volum iżgħar ta' programmi minħabba kontributi iktar baxxi mill-Istati Membri milli kien oriġinarjament mistenni. Minbarra l-isforzi tagħha biex tagħti haġja ġdida lill-impenn tal-partijiet interessati u biex tinkoraġġixxi lill-assoċjazzjonijiet industrijali jiddiversifikaw u jestendu l-attivitajiet u s-sħubija tagħhom, il-Kummissjoni għandha tappoġġja l-passi li jieħdu l-IK sabiex itejbu s-sitwazzjoni attwali.

---

<sup>14</sup> *Designing together the 'ideal house' for public-private partnerships in European research – JTI Sherpas' Group – Final Report* [Niddisinjaw flimkien id-"dar ideali" għal sħubiji bejn il-pubbliku u l-privat fir-riċerka Ewropea – Il-Grupp Sherpa dwar l-ITK – Rapport finali] -Jannar 2010, <http://cordis.europa.eu/fp7/jtis/>

<sup>15</sup> COM(2010) 260, [http://ec.europa.eu/budget/documents/financial\\_regulation\\_en.htm](http://ec.europa.eu/budget/documents/financial_regulation_en.htm)

<sup>16</sup> Artikolu 2 tar-Regolamenti tal-Kunsill 72/2008 u 74/2008.



Il-Kummissjoni taqbel mal-ħtieġa li jittejjeb il-qbil bejn il-portafoll tal-proġett appoġġati u l-miri strateġiċi Ewropej tal-programm. Għaldaqstant, hija għandha tipproponi li jiġi stabbilit grupp ta' ħidma sabiex jirrievdi l-kriterji ta' evalwazzjoni attwali ħalli jkun ivvalutat aħjar il-mod li bih il-proġetti jagħtu kontribut għall-miri globali Ewropej tal-ITK u sabiex tiġi arrikkita l-ekosistema tal-innovazzjoni.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tappoġġa l-istabbiliment ta' proċessi miftuħin u trasparenti mill-partijiet interessati rilevanti sabiex tkun ipprovduta reazzjoni bikrija, iktar viżibbli u kostruttiva lill-applikanti dwar il-prospetti għal appoġġ mill-Istati Membri.

## **6. IL-POŻIZZJONI TAL-KUMMISSJONI FIR-RIGWARD TA' EUREKA U L-PROBLEMA TAS-SOTTOINVESTIMENT**

Il-Kummissjoni taqbel li l-ħidma parallela tar-raggruppamenti ta' Eureka (CATRENE u ITEA2<sup>17</sup>) u l-ITK fl-oqsma tan-nanoelettronika u tas-sistemi inkorporati żżid il-kumplessità taż-Żona Ewropea tar-Riċerka, toħloq konfużjoni lill-komunità tar-riċerka u hija intrinsikament ineffiċjenti. Barra minn hekk, il-Kunsill talab biex ikun hemm "integrazzjoni progressiva" ta' dawn iż-żewġ mekkaniżmi ta' finanzjament.

Il-Kummissjoni tappoġġa b'mod sħiħ li jinżamm rwol minn fuq għal isfel, strateġiku, pan-Ewropew u teknoloġiku għall-ITK, b'finanzjament sabiex jimplimentaw il-programmi tagħhom, imma tirrikonoxxi wkoll il-valur miżjud ta' programm komplementari, minn isfel għal fuq, għal medda iqsar ta' żmien u orjentat lejn in-negozju u s-swieq, li jinvolvi l-kollaborazzjoni ta' ftit kumpaniji u li jingħata fondi sabiex jimplimentaw proġetti speċifiċi. Madankollu, il-Kummissjoni tikkunsidra li ż-żewġ approċċi jistgħu jiġu implimentati taħt sħubija waħda bejn il-pubbliku u l-privat, li għandha wkoll tagħti lok għal ekonomiji sinifikanti fil-ġestjoni tal-operazzjonijiet. Sa issa, il-partijiet interessati kollha għamlu sforzi kbar sabiex jidentifikaw modi kif jiddelinjaw iż-żewġ tipi ta' programmi. Is-sitwazzjoni li tirriżulta hija inqas minn ottimali. L-esperjenza wriet li huwa ferm diffiċli li jiġu esklużi suġġetti minn programm jew minn ieħor meta jiġu esplorati għażliet dettaljati li jmorru lil hinn minn prinċipji ta' livell għoli. Tabilħaqq, numru kbir ta' suġġetti ta' riċerka huma indirizzati miż-żewġ programmi (fl-oqsma tal-applikazzjoni u tat-teknoloġija). Dan ma għandux jissorprendi meta jiġi kkunsidrat li l-parti l-kbira tas-sħab fundaturi privati huma komuni għaż-żewġ naħat. Koeżistenza kontinwata ma tiżgurax il-koordinazzjoni u s-sinkronizzazzjoni taż-żewġ inizjattivi indipendenti jew toffri flessibbiltà baġitarja lill-Istati Membri meta jallokaw ir-riżorsi tagħhom lill-iskemi differenti (għal dawk li huma attivament involuti fit-tnejn, li huwa l-każ tal-ikbar kontributori).

Il-Kummissjoni, għalhekk, tikkunsidra li l-koeżistenza tar-raggruppamenti ta' Eureka u l-ITK tikkontribwixxi għan-nuqqas attwali fil-kontributi mingħand l-Istati Membri lill-IK u lir-raggruppamenti ta' Eureka, peress li, fuq il-livell nazzjonali, il-finanzjament taż-żewġ strumenti ta' spiss jiġi minn sors wieħed. Din il-kwistjoni importanti mhijiex indirizzata fir-rapport. Il-Kunsill, madankollu, irrikonoxxa din is-sitwazzjoni meta adotta r-regolamenti li jistabbilixxu l-ITK, b'mod partikolari meta talab li jkun hemm "integrazzjoni progressiva" taż-żewġ mekkaniżmi ta' finanzjament. L-integrazzjoni taż-żewġ approċċi taħt saqaf wieħed

---

<sup>17</sup> Ara: <http://www.catrene.org> and <http://www.itea2.org>.

għandha tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' strateġija waħda għall-Ewropa, tiżgura biżżejjed riżorsi sabiex tintlaħaq massa kritika u tagħti l-possibbiltà li s-sħab involuti jagħżlu t-taħlita adattata ta' strumenti għall-miri tagħhom, jiġifieri permezz tal-użu flessibbli tal-mekkaniżmi minn fuq għal isfel u minn isfel għal fuq.

Anki jekk il-bord jiddikjara li l-integrazzjoni operattiva għandha tiġi kkunsidrata biss tul medda twila ta' żmien u mhux għall-perjodu mill-2014 'il quddiem, l-ambizzjoni tal-Kummissjoni hija li tkompli għaddejja ħidma fuq l-integrazzjoni progressiva ta' dawn iż-żewġ mekkaniżmi ta' finanzjament. Il-Kummissjoni għandha tipparteċipa attivament fl-istrutturi eżistenti (ITK u Eureka) u fil-gruppi ta' ħidma sabiex tagħmel iktar progress bid-differenzazzjoni u bil-koordinazzjoni tal-attivitajiet, u għandha tistudja l-kundizzjonijiet dettaljati li fihom l-integrazzjoni progressiva tar-raggruppamenti ta' Eureka fi ħdan l-operazzjonijiet tal-IK għandha toħloq valur miżjud.

**Anness – Lista ta' rakkomandazzjonijiet mill-bord ta' evalwazzjoni**

<b>Nru</b>	<b>Sommarju tar-rakkomandazzjonijiet</b>	<b>Perjodu ta' żmien</b>
1	L-ITK futuri <i>f' dawn l-oqsma</i> għandhom ikomplu l-mudell fi tliet partijiet tal-ITK	ITK tal-ġenerazzjoni li jmiss
<b>Rakkomandazzjonijiet għall-Istati Membri</b>		
2	Jagħmlu impenji baġitarji multiannwali	Issa
3	Ikunu konformi mar-Regolamenti tal-Kunsill dwar l-ITK	Issa
4	Jiffissaw livelli ta' referenza u jwettqu studji ta' allinjament tal-prattiki nazzjonali	Issa
5	Jagħtu indikazzjoni annwali bikrija ta' appoġġ lil suġġetti speċifiċi	Issa
<b>Rakkomandazzjonijiet għall-assoċjazzjonijiet industrijali</b>		
6	Imexxu l-istabbiliment ta' proċessi sabiex ikun immonitorjat il-progress ħalli jintlaħqu l-għanijiet tal-ITK	Issa
7	Imexxu l-preparazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni sabiex jintlaħqu l-miri tal-ekosistemi ta' innovazzjoni	Issa
8	Jinvolvu rwieħhom aħjar mal-kostitwenzi tal-ITK	Issa
<b>Rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni Ewropea</b>		
9	Tmexxi l-abbozzar tar-Regolamenti l-ġodda tal-Kunsill b'Regolamenti Finanzjarji u b'Regolamenti tal-Persunal alternattivi	ITK tal-ġenerazzjoni li jmiss
10	Ir-regolamenti għandhom jippermettu li l-ITK jappoġġaw attivitajiet relatati mal-innovazzjoni minbarra l-R&D	ITK tal-ġenerazzjoni li jmiss
11	Ir-regolamenti għandhom jippermettu li l-ITK jaċċettaw finanzjament minn sorsi oħrajn	ITK tal-ġenerazzjoni li jmiss
12	Ir-regolamenti għandhom jippermettu li l-UE tagħmel kontributi finanzjarji addizzjonali għal finijiet strateġiċi	ITK tal-ġenerazzjoni li jmiss
13	Ir-regolamenti għandhom jippermettu li l-Impriżi Komuni jitolbu wħud mill-ispejjeż operattivi tagħhom mingħand dawk li ma jkunux membri	ITK tal-ġenerazzjoni li jmiss
14	Il-Kummissjoni għandha tistabilixxi ġbir ta' dejta sabiex jingħata appoġġ lill-valutazzjoni tal-benefiċċji ta' dawn l-ITK	Issa
<b>Rakkomandazzjonijiet għall-Impriżi Komuni</b>		

Nru	Sommarju tar-rakkomandazzjonijiet	Perjodu ta' żmien
15	Jistabilixxu mekkaniżmu sabiex jirkupraw uħud mill-ispejjeż operattivi tagħhom mingħand il-benefiċjarji li ma jkunux membri tal-ITK	ITK tal-ġenerazzjoni li jmiss
16	Iqiegħdu iktar enfasi fuq miri strateġiċi Ewropej fil-proċessi ta' evalwazzjoni u ta' selezzjoni tal-proposti	Issa
17	Jistabilixxu proċessi sabiex jagħtu reazzjoni bikrija lill-proponenti	Issa
<b>Rakkomandazzjoni għal koordinazzjoni bejn l-ITK u EUREKA</b>		
18	ARTEMIS u ENIAC għandhom ikomplu l-inizjattivi tagħhom sabiex issir differenzazzjoni minn u koordinazzjoni ma' ITEA2 u CATRENE, rispettivament	Issa